KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 43

L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 43

It-Tnejn 14 ta' April, 2025

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

43.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra t'apoloġiji mingħand il-Viċi President u Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, u s-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sabiex jinfurmana li ma setax jattendi din il-laqgħa.

43.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri t'apoloġiji.

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

43.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 42 li nżammet nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

43.2.2 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, xtaq jirrimarka li fil-minuti mhux qed jitniżżel dak kollu li qed jintqal fil-laqgħat tar-Reġjun. Speċifikament hu qal li fil-minuti ma kienx hemm imniżżel fejn waqt id-diskussjoni li kienet qed issir rigward il-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart, hu kien semma li l-problemi li qed jaffaċċjaw il-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun għandhom jissemmew fil-media. Is-Sur Pillow spjega li dan il-punt kien importanti b'mod speċjali peress li hu qed ikun attakkat dwar din il-problema.

43.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fil-minuti dejjem ikun hemm miktub hekk għax impossibli jinkiteb kull persuna x'qal fid-diskussjoni. Pero dejjem ikun hemm miktub xi jkun ġie deċiż wara li tkun saret id-diskussjoni bejn dawk preżenti. Hi żiedet tgħid ukoll kif peress li dan is-suġġett huwa aktar sensittiv u r-Reġjun għaddej bi proċeduri legali, wieħed irid joqgħod aktar attent x'qed jiġi miktub, u għalhekk qed ikun hemm biss x'ġie deċiż bi qbil minn dawk li jkun hemm preżenti u mhux l-opinjonijiet individwalment.

43.2.4 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sekondata mis-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow.

## 43.3 *Komunikazzjoni mill-President*

- ***Aġġornament fuq il-Kuntratt tal-Ġbir ta' l-Iskart***

43.3.1 ***17:07pm- Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo, u s-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, waslu għal din il-laqgħa.***

43.3.2 Il-President informa lill-membri dwar il-qbil li kien sar fil-laqgħa preċedenti sabiex isir laqgħa bejn l-avukat tar-Reġjun li qiegħed fuq dan il-każ flimkien ma' dawk is-Sindki li għandhom problemi persistenti ta' l-iskart fil-lokalità rispettiva tagħhom. Madanakollu hu spjega kif din il-laqgħa ma nżammitx minħabba li kien hemm żviluppi oħra fejn kien hemm stedina biex ir-rappreżentanti kollha (mir-Reġjun, id-Direttur Ġenerali tal-Gvern lokali, id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti, is-Segretarju Permanenti, il-

kuntratturi, u l-avukati) li ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 23 ta’ Mejju 2025. Hu qal kif il-ħsieb ta’ din il-laqgħa hija sabiex jiġu indirizzati l-problemi preżenti u l-multi li hemm.

43.3.3 Il-President kompla jgħid kif id-Dipartiment tal-Kuntratti qed isosstnu li jrid ikun hemm approvazzjoni mingħandhom qabel ma jkun hemm tnaqqis ta’ multi. Dan kollu qed isir minkejja li bħala Reġjun ippruvajna nindirizzaw din il-problema malli r-Reġjun kien irċieva n-notifika dwar dan il-proċess relatat mal-multi u ma kienx hemm direzzjoni lura mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti.

43.3.4 Il-President esprima li ma kellux f’iduċja li dawn id-dipartimenti ser ikunu favur id-deċiżjonijiet tar-Reġjun u qal kif idealment qabel din il-laqgħa ikun hemm laqgħa mal-membri tar-Reġjun fejn fiha jkun hemm sommarju tal-punti mressqa minn kull min għandu problemi fil-lokalità.

43.3.5 Is-Sindku ta’ San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, issuġġerixxa sabiex minflok ir-Reġjun joqgħod jara jekk il-kuntrattur għandux kameras, u jekk hux qed jaħdmu jew le, ikunx aħjar naraw għalfejn ma jinġabarax ċertu żibel b’mod speċjali fejn jidħol skart kummerċjal. Hu żied jgħid ukoll kif għalkemm saru diversi laqgħat, mhu qed isir l-ebda azzjoni.

43.3.6 Il-President informa kif dan ir-Reġjun huwa fid-dover li jara jekk il-kuntrattur hux qed jimxi mal-kuntratt b’mod speċjali fejn il-kuntrattur kellu jiddikjara fejn hemm anke *subcontractors*. Hu żied jgħid ukoll li bħala Reġjun għadu kif ġie msejjaħ għal kawża li ser tibda nhar il-Ħamis 8 ta’ Mejju 2025.

43.3.7 Is-Sindku ta’ tas-Sliema, is-Sur John Pillow, informa li ser ikun qed jerġa jressaq it-talba sabiex bħala Kunsill Lokali s-sistema tal-ġbir ta’ l-iskart tibda tinġabar aktar tard.

43.3.8 Waqt id-diskussjoni li tkompliet bejn il-membri preżenti, il-President ġibed l-attenzjoni li l-kuntratt qatt ma kien iffirmat mir-Reġjun imma mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Il-President spjega li ser ikun qed iżomm lill-membri aġġornata jekk ikun hemm xi żviluppi ġodda.

## 43.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

43.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 43.5 Rapporti

43.5.1 Il-President stieden lill-accountant tar-Reġjun, is-Sa Romina Perici Ferrante, sabiex tkun tistà titkellem fuq ir-rapport ta’ l-ewwel kwart tas-sena finanzjarja 2025.

43.5.2 Is-Sa Perici Ferrante tat spjegazzjoni fit-tul dwar ir-rapport li kien ġie mgħoddi għall-attenzjoni tal-membri qabel din il-laqgħa.

43.5.3 Is-Sa Perici Ferrante spjegat kif ir-Reġjun kien qed jimmarka *deficit* li din kienet ġejja mir-*rejects* mill-iskart riċikabbli fejn l-ammont li kien taha l-Gvern fl-allokazzjonijiet kienet qed tkopri ta’ sena biss, mentri r-Reġjun kien irċieva kont ieħor. Għal din ir-raġuni hi spjegat kif is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lid-DG dwar dan.

43.5.4 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, staaqs jekk dawn hux ser ikunu qed jonqsu mir-riserva tar-Reġjun. Hu qal ukoll kif l-ispejjeż tar-Reġjun għandhom ikunu seperati mill-ispejjeż relatata mal-ġbir taż-żibel.

43.5.5 Is-Sa Perici Ferrante spjegat kif l-allokazzjoni taż-żibel kienet ġiet miżjuda u jekk ir-Reġjun qed jirċievi talba bħal din tar-rejects, qed issir talba immedjatament lid-Diviżjoni għal Gvern Lokali. Is-Sa Perici Ferrante spjegat ukoll dwar il-PROs kif ukoll l-ispejjeż relatata mal-Wasteserv.

43.5.6 Is-Sur Anthony Dalli ġibed l-attenzjoni dwar is-somma kbira li r-Reġjun għandu x'jiġbor mill-PROs (Greenpak u GreenMT)

43.5.7 Il-President spjega kif dwar il-ġbir relatat ma' dawn il-PROs huwa fakkar li hemm kuntratt li kien ġie iffirmat f'Ottubru li għaddha bejn ir-Reġjuni u l-PROS wara numru ta' xhur ta' diversi laqgħat sabiex il-partitarji kollha ikkonċernata ġew fi qbil ta' kif ser isir ir-rimbors.

43.5.8 Is-Sur Dalli spjega li dawn il-ħlasijiet kien ta' importanza kbira li jinġabru b'mod immedjat biex din tgħin milli r-Reġjun imiss mir-riservi tiegħu.

43.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif wara li kien sar il-kuntratt bejn il-PROs u r-Reġjuni, dan ir-Reġjun kien qed joħroġ il-fatturi skond kif kien meħtieġ u stipulat. Hi spjegat ukoll kif dak li r-Reġjun kellu jiġbor skond il-kuntratt, dan kien miġbur.

43.5.10 Is-Sa Perici Ferrante kompliet tispjega spjegat kif l-ispejjeż qed ikun aktar mid-dħul li qed jidħol għand ir-Reġjun. Hi qalet ukoll kif ma kienx għad hemm indaħħal l-ispejjeż relatat mal-ġabra addizzjonali li qed isir nhar ta' Ħamis għall-iskart kummerċjali riċikabbli. Ħi spjegat kif peress ma kien għad hemm l-ebda ftehim ġdid dwar dan, għalissa fl-accounts ta' ma jistgħux jiġu jidru bħala *accrued income*.

43.5.11 Is-Sur Dalli qal kif skond dawn il-figuri, r-Reġjun ser ikun minn taħt u għal din ir-raġuni l-kalkulazzjoni tal-baġit kienet żbaljata.

43.5.12 Is-Sa Perici Ferrante spjegat li mhux għax kienet żbaljata imma riedet tidħol tara x'kien hemm fil-*byelaws* biex tqabilhom ma' lactuals u tara il-variance.

43.5.13 Is-Sur Dalli ressaq l-aħħar domanda fuq dak li kien immarkat bħala *other income*. Hu spjega kif ir-Reġjun qed jassumi li ċertu ammonti ser ikunu qed jinġabru pero jaf li ma jidħolx l-ammont sħieħ.

43.5.14 Inżammet diskussjoni dwar l-ispejjeż relatati mat-tribunal lokali fejn ġie spjegat kemm mill-accountant kif ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv kif is-salarji tal-impjegati fit-tribunal lokali qed jiġi rifondut lura kull xahar, filwaqt li l-ispejjeż relatati mat-tribunal qed jiġu rifonduti sena wara fuq konferma li tkun saret mill-awdituri mqabbdin mill-aġezjija LESA. Żiedu jgħidu wkoll kif riċentament kien hemm qbil fuq l-awditjar li kien sar fuq is-sena 2023 u kien għadhom kif ġew infurmata li r-Reġjun għandu jressaq id-dokumenti meħtieġa għas-sena 2024 sabiex dan jiġu vverifikati u rifonduti lura wkoll.

43.5.14 Is-Sur Anthony Dalli insista li wieħed għandu jara jekk hux qed ikun hemm *over budget* u għal din ir-raġuni kien hemm qbil sabiex tinżamm laqgħa bejn il-bord tal-finanzi sabiex ikun hemm ċans aħjar li dawn il-punti jiġu diskussa.

43.5.15 Is-Sur Anthony Dalli staqsa għal spjegazzajoni aktar dettaljata dwar ir-*receivables* u l-payabales.

43.5.16 Is-Sa Perici Ferrante tatu din l-informazzjoni mitluba.

43.5.17 Il-President informa li ser jgħamel mezz sabiex fil-ġranet li ġejja tinżamm laqgħa mal-bord tal-finanzi flimkien ma' l-accountant sabiex dawn it-tip ta' domandi jilħqu jiġu diskuss.

43.5.18 Is-Sur Dalli qabel ma din il-proposta u talab sabiex dawn it-tip ta' laqgħat isiru b'talba imqar b'ġimgħa qabel minħabba l-impeji l-oħra.

43.5.19 Peress li ma kienx hemm aktar mistoqsijiet x'jiġi mressqa, dan ir-rapport ġie approvat mill-membri preżenti fuq proposta tas-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, sekondat mill-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo.

43.5.20 Il-President irringrazzja lis-Sa Perici Ferrante talli kienet preżenti għal din il-laqgħa u l-ispjegazzjoni li kienet ingħatat lill-kulħadd.

43.5.21 ***18:26pm – is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

43.5.22 Il-President talab sabiex il-membri jkompli bl-item fuq l-aġenda numru 43.3 peress li ma kienx ressaq il-punti kollha li kellu.

43.5.23 Il-membri qablu dwar dan.

## 43.3 *Komunikazzjoni mill-President (Kont.)*

- ***Konferenza SEDEC 2025 u Laqgħa Ġenerali Annwali 2025***

43.3.9 B'referenza għal din il-konfernza, il-President spjega kif l-uffiċċju kien għaddej bil-preparamenti neċessarji u kif kienu nħarġu l-istediniet minn naħa ta' Brussel. Hu spjega wkoll kif minħabba li s-suġġet hu marbut ma' l-impjieg u l-AI, hu spjega kif din il-konferenza ser tkun qed tinfetaħ mill-Ministru Byron Camilleri u l-Ministru tal-Finanzi Clyde, jgħalaq din il-konferenza.

43.3.10 Is-Sur Chircop qal ukoll kif il-Kummissarju ser ikun qed jattendi virtwalment biex jgħamel l-indirizz tiegħu *live.*

43.3.11 Is-Sur Chircop qal ukoll kif din is-sena għadha trid tinżamm il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2025 u ressaq suġġeriment sabiex din il-laqgħa, li normalment tinżamm f'Ġunju, tinżamm fit-tieni ġurnata ta' din il-konferenza.

43.3.12 Is-Sur Dalli qal li l-idea kif tajba ħafna pero ġibed l-attenzjoni li l-attendenza taf ma tkunx waħda tajba.

43.3.13 Is-Sur Chircop spjega li l-ħsieb kien li r-reġistrazzjoni tibda fil-5:30 ta' filgħaxija u l-laqgħa tibda fis-6.

43.3.14 Is-Sur Chircop qal kif qed isiru diversi laqgħat b'talbiet għal assistenza finanzjarja sabiex ikun ta' kontribut għal konferenza ta' SEDEC.

43.3.15 Dott Kaylon Zammit issuġġerixxa li r-Reġjun għandu joħloq *sponsorship packages* sabiex dawk interessati jkunu f'pożizzjoni aħjar li jkunu jistgħu jgħinu finanzjament.

43.3.16 Is-Segretarju Eżekuttiv xtaqsiet x'suġġetti għall-AGM ser jiġu diskussa u qalet ukoll kif, flimkien mal-Maniġers tar-Reġjun, huma ressqu suġġerimenti li jinkludu – ir-Reġjun tal-Kultura 2024 (inħarsu 'l quddiem); fuq iż-żgħażagħ fil-lokalitajiet ,

43.3.17 Is-Sur Anthony Dalli qal kif is-sena l-oħra l-accounts ma ngħatax ħafna importanza u kull ma kien ġara kien li kienet telgħet persuna taqra l-accounts u daqshekk.

43.3.18 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif is-sena l-oħra l-Accontant tar-Reġjun ma setatx tkunx preżenti u minflokk kienet telgħet l-Accounts Officer tar-Reġjun sabiex taqra l-informazzjoni li kienet ippreparat l-Accountant.

43.3.19 Is-Sur Dalli issuġġerixxa li s-suġġett irid ikun relatat mal-lokalitajiet biex is-suġġett ikun interessanti għall-Kunsilliera. Issuġġerixxa wkoll sabiex niddiskutu fuq id-droga u ninvolvu dawk li huma relatati mas-sħubija ta' ECAD.

43.3.20 Dott Kaylon Zammit żdied jgħid li hu jistà jirrakomda lill-Awtorità li qed tieħu ħsieb dan is-suġġett.

43.3.21 IL-Kunsilliera tas-Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, issuġġeriet sabiex jiġi diskuss x-xogħol relatat mal-Pulizija tal-Komunità.

43.2.22 Inżammet diskussjoni qasira dwar is-servizz li l-Kunsilli għandhom mill-Pulizija tal-Komunità u każijiet fejn ġew bżonnhom.

43.2.23 Is-Sur Dalli issuġġerixxa wkoll li l-AI u bħala għodda fil-Kunsilli Lokali tistà tkun suġġett tajjeb għal din il-laqgħa wkoll.

43.2.24 Kien hemm qbil li l-panel ikun wieħed.

43.2.25 Qabel ma pproċeda għas-suġġett li jmiss, il-President talab li jgħamel kjarifika fuq il-fondi li ġew użati mir-Reġjun sabiex inżammet is-sena kulturali 2024. Il-President spjega li wara li wieħed jara id-dħul mill-fondi allokati flimkien ma' fondi addizzjonali minn *sponsors* oħra, ir-Reġjun ħareġ biss madwar €10,000. Hu qal ukoll kif ir-Reġjun qed jistenna l-aħħar pagament biex jgħaddi mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali**.**

- *Aġġornament fuq il-Kuntratt tad-Dawl*

43.3.26 B'referenza għal dan il-President spjega kif jidher li l-każ li kien hemm għaddej quddiem il-Bord tad-Dipartiment tal-Kuntratti ġiet irtirata peress li jaf ikun hemm kompromess bejn l-Enemalta u l-kuntratturi tad-dawl. Jidher li l-Enemalta ser tkun qed tagħti l-materjal u l-kuntratturi jidħlu kif kienu qabel mar-Reġjuni jew Kunsill partikolari biex issir l-installazzjoni. Hu żied jgħid ukol kif ir-rakomandazzjoni mill-Assoċċjazjoni hija li temporanjament jiġu estiża l-kuntratti li hemm ta' mhux aktar minn sitt xhur.

43.3.27 Dott Kaylon Zammit staqsi jekk ir-Reġjun hux ser ikun qiegħed joħroġ kuntratt Reġjonali jew le.

43.3.28 Il-President qal kif għalissa kienet għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar dan sabiex wieħed jara kif ser tiġi konkluża l-kawża li hemm ma' l-Enemalta. Naturalment wieħed irid jiftakar li hemm Kunsilli Lokali li għandhom kuntratt validu u oħrajn li mhumiex.

- *Ġabra Addiżżjonali ta' l-Iskart Riċikabbli*

43.3.29 Il-President informa lill-membri preżenti kif ir-Reġjun kien talab kwotazzjoni lill-kuntrattur preżenti sabiex jgħati dan is-servizz għal sena oħra peress li din tagħlaq f'Ġunju li ġej. Din ser tkun qed tgħaddi għand id-Dipartiment tal-Kuntratti.

43.3.30 Is-Sur Anthony Dalli qal kif hu ma setax jifhem kif il-kuntratt huwa tad-Dipartiment tal-Kutratti imma r-Reġjun huwa responsabbli minn din il-kwotazzjoni u mingħajr direzzjoni ta’ minn fejn ser jingħataw dan il-flus lir-Reġjun.

43.3.31 Il-President qal kif ir-Reġjun qed jistenna din il-kwotazzjoni sabiex umbad din tgħaddi għand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex tiġi approvata.

43.3.32 Il-President ressaq fuq il-mejda ir-rapporti ta’ l-ewwel kwart tas-sena 2025 ppreparati mill-Manigers dwar ix-xogħol li kien sar. Hu spjega li dawn kien mgħoddija qabel din il-laqgħa għall-attenzjoni tal-membri u staqsa jekk kienx hemm xi domandi jew kummenti li xtaqu li jiġi mniżżel fit-tweġiba għal dawn ir-rapporti.

43.3.33 Ma kien hemm l-ebda kummenti mressqa mill-membri preżenti dwar dan.

## 43.6 Postijiet Vakanti – Uffiċjal Eżekuttivi Skala 13, FT, EU/Local Funds Manager

43.6.1 B’referenza għal dawn iż-żewġ pożiżżjonijiet, is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dawn għadhom ser jinħarġu fil-ġranet li ġejjin.

## 43.7 Diskussjoni dwar ħruġ ta’ Sejħa għal Manutenzjoni tad-Dwal fil-Lokalitajiet

43.7.1 Il-President spjega kif dan is-suġġett kien diġa diskuss matul din il-laqgħa.

## 43.8 *Items* oħra ta’ Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *INTERREG*

43.8.1 B’referenza għal din is-sejħa, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri kif ir-Reġjun kien reġgħa ġie avviċinat minn FACTUAL (aġenzija li tieħu ħsieb l-applikazzjonijiet ta’ INTERREG), rigward is-sejħa INTERREG Next Med. L-inizjattiva tagħna tibni fuq proġetti tal-passat ta’ suċċess, bħal-proġett *Nudging Active Travel* mal-Università ta’ Malta, li introduċa Totem Poles interattivi biex jiggwidaw lill-pedonalli u liċ-ċiklisti. Barra minn hekk, proġetti bħall- 'sCOOL2walk' ta' Transport Malta u l-'Walking Bus' tal-PAF ippromovew trasport alternattiv għat-tfal taliskola. Bil-kollaborazzjoni mal-NGO Rota.MT, il-Bike Bus għandha l-għan li tħeġġeġ il-vjaġġ tar-roti, speċjalment lejn l-Università ta’ Malta u żoni oħra ffukati fuq iż-żgħażagħ. Is-Sejħa INTERREG toffri opportunità biex jittejbu dawn l-isforzi u jiġu involuti aktar liċ-ċittadini. Barra minn hekk, hemm mira li tintlaħaq id-domanda għal aktar *bike racks* fir-reġjun.

43.8.2 Il-President żied jgħid li jrid jerġa jitkellem mar-Reġjun Tramuntana fuq it-*totem poles* peress li sa’ llum, it-tliet lokalitajiet li kienu ngħaqdu ma’ dan ir-Reġjun għadhom mingħajrhom.

- ***European Smart Tourism Cities award***

43.8.3 B’referenza għal dan is-Segretarju Eżekuttiv infurma kif il-Maniger tal-Kultura, is-Sur James Hamberger, tkellem mal-organizzaturi u xtaqna naraw jekk hemm xi interess mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun. Din il-komunikazzjoni kienet intbagħtet lil kulħadd nhar l-20 ta’ Marzu 2025. Hi spjegat kif il-kompetizzjoni hija miftuħa għall-bliet, li fil-qafas tal-inizjattiva huma definiti bħala: żona urbana, (esklużi konurbazzjonijiet), u hija mifhuma bħala unità amministrattiva rregolata minn kunsill jew forma oħra ta

'korp elett. F'pajjiżi fejn l-ebda belt ma għandha aktar minn 100,000 abitant, l-akbar belt hija eliġibbli biex japplikaw. Għall-istati żgħar b'numru ta' abitanti taħt il-miljun sal-31 ta' Diċembru 2023, bliet b'aktar minn 10,000 abitant huma eliġibbli biex japplikaw.

- *Aġġornament fuq ir-Regional Football Tournament*

43.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri preżenti kif nhar is-Sibt 26 ta' April 2025 fid-9:30 ta' filgħodu ser tkun qed tinżamm il-ftuħ uffiċċjali ta' dan l-avveniment ġewwa il-Melita Ground ta' Pemrboke. Hi qalet ukoll kif il-President ta' Malta kif ukoll l-Onor Alison Zerafa Civelli ikkonfermaw l-attendenza tagħhom u kif illum stess kienet għaddejja laqgħa bejn in-*nurseries* kollha biex jaqblu dwar il-*fixtures*. Hi spjegat ukoll kif is-Sur Hamberger ser jibgħat aġġornament dwar dan lil kulħadd matul il-ġimgħa.

- *Flimkien Għall Ambjent Aħjar Tours*

43.8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri kif l-ewwel tour kien ser jinżamm ġewwa Ħal Lija, fejn ir-Reġjun qed jaħdem ma' Flimkien Għal Ambjent Aħjar biex jorganizza sensiela ta' *tours* f'diversi lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun. Hi qalet ukoll kif l-ewwel mawra f'Ħal Lija ser tkun immexxija mill-Prof. George Cassar. Ir-Reġjun qed jgħin ukoll lill-FAA f'tours oħra f'termini ta' kuntatti ta' diversi nies.

- *Kwotazzjonijiet*

43.8.6 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet miġbura għall-approvazzjoni tal-membri preżenti:

- Stickers ġodda għall-istruttura l-bins fejn l-orħos mingħand Golden Gate. Bl-ammont ta' €447.81;
- Servizz ta' Photographer għall-konferenza SEDEC fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Roberto Runza ta' €180;
- Servizz ta' Videographer għall-konferenza SEDEC – l-orħos mingħand Testa & Testmar - € 424.80

43.8.7 L-orħos kwotazzjonijiet ġew approvata b'mod unanimu mill-membri preżenti.

43.8.8 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti xtaq isaqsi jekk ir-Reġjun għandux x'jaqsam mar-riklami li huma mifruxa mat-toroq.

43.8.9 Il-President qal li dik titmexxa skond il-*bye laws* maħruġa mill-kunsill u r-Reġjun m'għanduex x'jsaqsam magħhom.

## 43.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

43.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

43.9.2 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, sekondat mis-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 40A u 40B.

43.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 43.10 Mozzjonijiet

43.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 43.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

43.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 ta' Mejju 2025, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 19 ta' Mejju, 2025.

| | |
|---|---|
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |